



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.05.2005
KUMM(2005)211 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni komuni tal-Komunità rigward l-abbozz ta' Deċiżjoni Nru 2/2005 tal-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra, dwar ċerti kwistjonijiet veterinarji

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Id-Deċiżjoni Nru 2/1999 tal-Kumitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra stipulat il-leġiżlazzjoni li kellha tiġi adottata mill-Andorra biex jiġi implimentat il-Protokoll dwar il-kwistjonijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra, li ġie ffirmat fi Brussell fil-15 ta' Mejju 1997¹. Id-Deċiżjoni żgurat it-tkomplija tal-flussi tradizzjonali tal-kummerċ fl-annimali haġġin u l-prodotti dderivati mill-annimali bejn l-Andorra u l-Komunità.
2. Id-Deċiżjonijiet Nru 1/2001² u Nru 2/2003³ tal-Kumitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra stipulaw aktar regoli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, u biex iwessgħu ż-żona tal-kummerċ armonizzat.
3. F'laqgħa fil-25 u s-26 ta' Jannar 2005, is-sotto-grupp veterinarju bejn il-KE u l-Andorra kkunsidra twessigħ tal-Protokoll dwar kwistjonijiet veterinarji, b'tali mod li jinkludi oqsma tal-leġiżlazzjoni veterinarja li ma kienux koperti qabel, u applikabbli għal kwalunkwe fluss ġdid li għad jista' jiżviluppa ta' annimali haġġin u prodotti dderivati mill-annimali. Is-sotto-grupp veterinarju tal-Kumitat Konġunt tal-KE u l-Andorra rrakkomanda l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż, li fih leġiżlazzjoni Komunitarja addizzjonali li l-Andorra għandha tadotta u tapplika l-iktar tard sa 18-il xahar wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt.
4. L-abbozz ta' Deċiżjoni jinkludi leġiżlazzjoni rigward is-sikurezza alimentari, ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali li huma applikabbli għaċ-ċaqliq mhux kummerċjali ta' annimali tad-dar, l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini, u r-regolamenti tas-saħħa ta' l-annimali li jiggvernaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni għall-konsum mill-bniedem ta' prodotti dderivati mill-annimali.

L-abbozz ta' Deċiżjoni jistipula l-leġiżlazzjoni li trid tiġi adottata kif ukoll kwalunkwe miżura oħra li l-Andorra jeħtiġilha tieħu biex tiżgura l-applikazzjoni korretta ta' din il-leġiżlazzjoni.
5. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż bħala pożizzjoni Komunitarja, bil-ħsieb ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt.

¹ ĠU L 31, tal-5.2.2000, p. 84.

² ĠU L 33, tat-2.2.2002, p. 35.

³ ĠU L 269, tal-21.10.2003, p. 28.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni komuni tal-Komunità rigward l-abbozz ta' Deċiżjoni Nru 2/2005 tal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra, dwar ċerti kwistjonijiet veterinarji

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 17.1 tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra, li ġie ffirmat ġewwa l-Lussemburgu fit-28 ta' Ġunju 1990 u approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 90/680/KEE ('il-Ftehim')⁴, jistabbilixxi Kumitat Konġunt li għandu r-responsabbiltà li jamministra l-Ftehim u li jiżgura li jiġi implimentat kif jixraq ('il-Kumitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra').
- (2) Il-protokoll dwar kwistjonijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim ('il-Protokoll') ġie approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 97/345/KE tas-17 ta' Frar 1997 rigward il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kwistjonijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra⁵. Fil-Protokoll, l-Andorra timpenja ruħha li tapplika ċerti regolamenti veterinarji tal-Komunità. Il-Protokoll jipprevedi wkoll li l-Kumitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra jelenka l-proviżjonijiet Komunitarji li għandhom jiġu applikati mill-Andorra. Barra minn hekk, il-protokoll jipprovdi għat-twaqqif ta' sotto-grupp veterinarju sabiex iressaq rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt bil-għan li l-leġislazzjoni Komunitarja kkonċernata tiġi emendata jew aġġornata.
- (3) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 97/345/KE jipprovdi li l-pożizzjoni Komunitarja rigward ir-rakkomandazzjonijiet tas-sotto-grupp veterinarju tiġi stabbilita mill-Kunsill.
- (4) Id-Deċiżjonijiet Nru 2/1999⁶, 1/2002⁷ u 2/2003⁸ tal-Kumitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra elenka l-proviżjonijiet veterinarji li għandhom jiġu applikati mill-Andorra;

⁴ ĠU L 374, tal-31.12.1990, p. 14.

⁵ ĠU L 148, tas-6.6.1997, p. 16.

⁶ ĠU L 31, tal-5.2.2000, p. 84.

⁷ ĠU L 35, tat-2.2.2002, p. 35.

⁸ ĠU L 269, tal-21.10.2003, p. 28.

- (5) Fil-laqgħa tiegħu ġewwa l-Andorra fil-25 u s-26 ta' Jannar 2005, is-sotto-grupp veterinarju rrakkomanda l-adozzjoni ta' elenku addizzjonali ta' leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità li għandha tiġi applikata mill-Andorra sabiex twessa' l-ftehim,
- (6) Dak l-elenu addizzjonali għandu jiġi approvat fisem il-Komunità.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni Komunitarja fi ħdan il-Kumitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra li twaqqaf skond l-Artikolu 17(1) tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra, fuq ir-rakkomandazzjoni magħmula mis-sotto-grupp veterinarju li ġie mwaqqaf taħt dak il-Kumitat Konġunt fil-laqgħa tiegħu ġewwa l-Andorra fil-25 u s-26 ta' Jannar 2005, rigward it-twessigħ tal-proviżjonijiet veterinarji li għandhom jiġu applikati mill-Andorra, tikkorrispondi mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt annessa mad-Deċiżjoni preżenti.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni Nru 2/2005 tal-Kumitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* wara li tkun ġiet adottata.

Magħmula fi Brussel,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Test ta' l-Abbozz ta' Deċiżjoni Nru 2/2005 tal-Komitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra⁹ li ġie ffirmat ġewwa l-Lussemburgu fit-28 ta' Ġunju 1990, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-protokoll dwar kwistjonijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra¹⁰ li ġie ffirmat ġewwa Brussell fil-15 ta' Mejju 1997, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-laqgħa tiegħu fl-Andorra fil-25 u s-s26 ta' Jannar 2005, is-sotto-grupp veterinarju tal-Komitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra, li twaqqaf skond l-Artikolu 2 tal-protokoll dwar kwistjonijiet veterinarji li jissupplimenta l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' l-Andorra, irrakkomanda l-adozzjoni ta' elenku addizzjonali ta' miżuri veterinarji Komunitarji li għandhom jiġu applikati mill-Andorra, flimkien mal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja msemija fid-Deċiżjonijiet Nri 2/1999¹¹, 1/2001¹² u 2/2003¹³ tal-Komitat Konġunt bejn il-KE u l-Andorra. It-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni, min-naħa ta' l-Andorra, tal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja li tidher f'dak l-eleku għandha sseħħ fi żmien 18-il xahar mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-Andorra tittrasponi u timplimenta l-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja msemija fl-Anness għal din id-Deċiżjoni fi żmien 18-il xahar mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni,
2. Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-Andorra jeħtiġilha tittrasponi u timplimenta biss il-proviżjonijiet dwar is-sikurezza alimentari. Il-parteċipazzjoni ta' l-Andorra fis-sistema ta' twissija rapida stabbilita mill-Artikolu 50(6) ta' dak l-istess Regolament tinfetħ mid-data tat-traspożizzjoni fil-liġi ta' l-Andorra u l-implimentazzjoni tal-miżuri msemija hawn fuq.

⁹ ĠU L 374, tas-31.12.1990, p. 14.

¹⁰ ĠU L 148, tas-6.6.1997, p. 16.

¹¹ ĠU L 31, tal-5.2.2000, p. 84.

¹² ĠU L 35, tat-2.2.2002, p. 35.

¹³ ĠU L 269, tal-21.10.2003, p. 28.

3. L-Andorra tikkomunika lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-elenki ta' l-istabbilimenti approvati f'konformità ma' l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.
4. L-istabbilimenti fl-Andorra jkunu suġġetti għall-ispezzjonijiet Komunitarji bl-istess mod li huma l-istabbilimenti fi ħdan il-Komunità, skond l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004. L-Andorra tissottometti lis-sotto-grupp veterinarju mwaqqaf f'konformità ma' l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar kwistjonijiet veterinarji l-pjan tagħha għas-sorveljanza uffiċjali, li dwaru hemm proviżjoni fit-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 882/2004. Aġġornamenti sussegwenti tal-pjan tagħha jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u approvati minnha. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tinforma lill-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.
5. Għal dak li għandu x'jaqsam maċ-ċaqliq mhux kummerċjali ta' l-annimali tad-dar, u għall-implimentazzjoni tal-miżura uffiċjali ta' iżolament prevista taħt il-punt (b) tat-tielet sub-paragrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003, l-Andorra tikkonkludi ftehim ma' Franza u Spanja. Biex timplimenta l-miżura taħt l-Artikolu 15 ta' dak l-istess Regolament, l-Andorra tuża l-laboratorji ddeżinjati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2004/233/KE ta' l-4 ta' Marzu 2004 li tawtorizza l-laboratorji li jivverifikaw l-effettività f'ċerti karnivori domestiċi tat-tilqim kontra l-idrofobija¹⁴. L-Andorra titneħħa minn Sezzjoni 2 u tiddaħħal f'Sezzjoni 1 fl-Anness Parti B ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tiegħu effett fl-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara dak li fih tiġi adottata.

¹⁴ ĠU L 71, ta' l-10.3.2004, p. 30. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/693/KE. ĠU L 315, ta' l-14.10.2004, p. 47.

ANNES

Referenzi għal dawn it-test bażiċi għandhom jiġu mifhuma li jinkludu referenzi għall-emendi u għar-regoli ta' implimentazzjoni kollha.

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji u r-rekwiżiti ġenerali tal-liġi alimentari, li tistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari u li tistipola proċeduri rigward is-sikurezza alimentari¹⁵.

Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel.¹⁶

Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistipola regoli speċifiċi dwar l-iġjene ta' l-ikel idderivat mill-annimali¹⁷.

Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistipola regoli speċifiċi dwar l-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali ta' prodotti dderivati mill-annimali u maħsuba għall-konsum mill-bniedem¹⁸.

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi dwar l-għalf tal-bhejjem u l-ikel, saħħet l-annimali u r-regoli tal-benessri ta' l-annimali¹⁹.

Id-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tirrevoka ċerti direttivi dwar l-iġjene ta' l-ikel u l-kundizzjonijiet sanitarji għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti dderivati mill-annimali u maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/662/KEE u 92/118/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE²⁰.

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 998/2003 tas-26 ta' Mejju 2003 dwar ir-rekwiżiti sanitarji ta' l-annimali li japplikaw għaċ-ċaqliċ mhux kummerċjali ta' l-annimali tad-dar u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE²¹.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE²².

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji ta' l-annimali li jiggvernaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti għall-konsum mill-bniedem idderivati mill-annimali²³.

¹⁵ ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.

¹⁶ ĠU L 139, tat-30.4.2004, p. 1.

¹⁷ ĠU L 139, tat-30.4.2004, p. 55.

¹⁸ ĠU L 139, tat-30.4.2004, p. 155.

¹⁹ ĠU L 165, tat-30.4.2004, p. 1.

²⁰ ĠU L 157, tat-30.4.2004, p. 33.

²¹ ĠU L 146, tat-13.6.2003, p. 1.

²² ĠU L 5, tad-9.1.2004, p. 8.

²³ ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11.